# *Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 25*

***26 t'April 2017***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *25.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

25.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba dewmien mhux mistenni fuq il-post tax-xogħol. Il-Kunsilliera laqgħu unanimament it-talba tas-Sur Jean Paul Zammit.

25.1.2 Sadanittant, s-Segretarju Ezekuttiv ressaq l'apoloġija tal-Kunsillier s-Sur Frank Zammit hekk kif minħabba impenji ta' xogħol ma setax jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 5 t'April. L-ittra t'apoloġija ntbgħatet waqt is-seduta u għaldaqstant ma setgħetx tinqara dakinhar. Hawnhekk ukoll t-talba tas-Sur Frank Zammit ġiet aċċetta mill-Membri kollha preżenti.

## *25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

25.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

F'dan il-mument il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi daħal fis-seduta.

## *25.3 Audited Financial Statements 2016*

25.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab biex ir-rappresentanta tal-kumpanija Robert Borg and Associates tidħol waqt is-seduta sabiex tagħti rendikont tal-bidliet li għamlu l-awdituri fil-rapport finanzjarju tas-sena 2016. Kien f'dan il-waqt li s-Segretarju Ezekuttiv qassam l-ittra ta' Rappresentazzjoni sabiex din tiġi ffirmata minnu u mis-Sindku rispettivament. Hawnhekk r-rappresentata spjegat li peres li dejjem ikun hemm differenzi fil-mod ta' kif jaħdmu l-awdituri kien hemm xi tibdiliet ta' fejn jiġu imqassma ċertu fondi. Fil-fatt, hija spjegat li matul is-sena li għaddiet kien hemm €26,000 li ġew imħallsa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali direttament lis-supplier għat-tindif tal-Korsa tal-Marsa. Dawn il-fondi issa qegħdin jiġu jidhru bħala 'suppliment recovery income' u b'hekk il-kredituri naqsu b'€26,000. Kien hemm ukoll reklassifikazzjoni tal-assi fissi fost oħrajn.

25.3.2 Finalment hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li l-andament finanzjarju tal-Kunsill kien wieħed pożżittiv fis-sena 2016 hekk kif mqabbel mas-sena preċedenti fejn ġie rregistrat gwadann ta' €6,453 fi profitti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill dan ir-rapport finanzjarju. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekona, filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Wara dan il-vot, it-tmien kopji tar-rapport finanzjarju ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekkuttiv skont kif titlob il-liġi sabiex dawn jingħataw lill-Awditur Ġenerali.

## *24.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

24.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 6.35pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Mejju 2017 fil-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati, llum 10 ta' Mejju 2017